MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 149/2003

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jason Agius)**
**(Spettur Mario Buttigieg)**

**vs**

**Joseph Bugeja**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Bugeja ta’ 49 sena bin il-mejjet Anthony u l-mejta Giovanna nee’ Tanti imwieled Cospicua fit-12 ta’ Dicembru 1953 u residenti Blokk 6B, numru 3, San Gwann t’ Ghuxa, Bormla u detentur tal-karta tal-

identita’ numru 35454(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa akkuzat talli bejn l-14 u l-15 Ta’ Novembru 2002, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta importa jew kellu b’ xi mod x’ jaqsam filli jigu mportati jew imdahhla f’ Malta, tjur u annimali. L-importazzjoni u l-pussess tat-tjur u annimali imsemmija hija projbita u/jew ristretta u/jew kif ukoll limitati. Dawn ghandhom valur totali ta’ Lm7156.00,0 u Dazju Xejn u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Taxxa tammonta ghal Lm1073.40c, liema Taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k) u l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u bi ksur ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998).

Fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Novembru 2002, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta :

2. Importa, ftiehem jew ipprova, jew ghin fl-importazzjoni ta’ ghasafar dikjarati protetti skond l-Avviz Legali numru 144 / 1993, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom li mhumiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw, jew li huma protetti fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati ma kienitx wahda awtorizzata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 12 (3) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

3. Importa, garr jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar hajjin jew mejtin, jew parti ta’ xi ghasafar li mhumiex imsemmijin fl-Iskedi I,II jew III ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993 u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 12 (2) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

4. Zamm jew qafel xi ghasafar f’ xi gaggeg jew recipjenti ohrajn ta’ qies inqas minn 120mm gholi, 190mm wieghsa, u li meta jitqies id-daqs ta’ l-ghasafar, ma kienux kbar bizzejjed biex l-ghasafar jkunu jistghu jifthu

gwenhajhom b’ mod hieles u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 16 (a) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

5. Naqas li josserva xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-Avviz Legali numru 146/ 1993 jew ta’ xi ordni ohra leggitimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 25 (1) (a) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

6. Kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew htiega imposta minn jew bis-sahha ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993 u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 25 (1) (b) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

7. Agixxa bi ksur ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

8. Ftiehem jew ipprova, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993 jew biex jonqos milli tikkonforma ma xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 25 (1) (d) ta’ l-Avviz Legali numru 146 / 1993.

9. Importa jew ftiehem jew ipprova jew ghin fl-importazzjoni ta’ speci ta’ Fawna u Flora inkluzi fit-Tieni u t-Tielet Skedi ta’ l-Avviz Legali numru 19 / 1992 hekk kif emendat fl-Avviz Legali numru 244 / 2000, ghaldaqstant iddikjarati protetti skond l-Artikoli 2 u 3 ta’ l-Avviz Legali numru 19 / 1992, mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni (Skeda I ta’ l-Avviz Legali numru 19 / 1992, mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni (Skeda I ta’ l-Avviz Legali numru 19 / 1992) u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 6 (1) u 9 (1) ta’ l-Avviz Legali numru 19 / 1992.

10. Importa ezemplari minghajr ma applika ma’ l-Awtorita Amministrattiva bil-miktub fuq formoli ghal hekk mhejjija mill-istess Awtorita u ma ipproduciex dawk il-

permessi jew certifikati mehtiega mill-Konvenzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 (2) ta' l-Avviz Legali numru 19 / 1992.

11. Importa xi speci li hija protetta fil-pajjiz mnejn torigina, ukoll jekk ma kienitx inkluza fit-Tieni u t-Tielet Skeda ta' l-Avviz Legali numru 19 / 1992 hekk kif emendat, u wkoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma accediex ghall-Konvenzjoni, minghajr ma ipproduca licenzja ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz mnejn torigina u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 (3) ta' l-Avviz Legali numru 19/ 1992.

12. Kellu fil-pussess tieghu xi ezemplar li l-importazzjoni taghhom taqa taht dawn ir-regolamenti jigifieri ta' regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora ta' l-Avviz Legali numru 19 / 1992, minghajr ma kellu fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dak l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li ghandhom x' jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawn l-ezemplari u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 ta' l-Avviz Legali numru 19 / 1992.

13. Ftiehem fl-importazzjoni jew ipprova jimporta, jew ghin fl-importazzjoni ta' xi ezemplari bi ksur ta' regolamenti ta' l-1992 dwar il-kummerc fi speci ta' Fawna u Flora u kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 9 (1) ta' l-Avviz Legali numru 19 / 1992.

14. Gieghel annimali isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn jew abbandunahom u dan bi ksur ta' l-Att ta' l-2001 Dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali (Att nru XXV ta' l-2001) Taqsima IV Harsien ta' l-Annimali Artikolu 8(2) Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. Bhala persuna li zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-Att ta' l-2001 Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Att nru XXV ta' l-2001) Taqsima IV Harsien ta' l-Annimali Artikolu 8(3) Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Novembru 2002 u matul dawn l-ahhar xhur qabel din id-data ;

16. F’Malta assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt jew delitti (imsemmija hawn fuq) f’Malta li ghalih jew ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija, u li m’humiex delitti taht l-Att dwar l-Istampa u dan bi ksur tal-Artikolu 48 (A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

17. Bhala impjegat mal-kumpanija Air Malta plc, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 115 u 121 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba illi taghti dawk l-ordnijiet skond dak li tipprovdi l-Konvenzjoni dwar iz-zamma, ri-esportazzjoni jew suppressjoni ta’ xi ezemplari kemm waqt li jkunu ghadhom ghaddejjin il-provedimenti kif ukoll meta tinghata s-sentenza u tordna li l-ispejjez ghaz-zamma, ri-esportazzjoni jew soppressjoni jkunu ghal karigu ta’ Joseph Bugeja, skond l-Artikolu 9(5) ta’ l-Avviz Legali Numru 19/1992;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta’ l-annimali u oggetti ohra esebiti, tordna l-iskwalifika mill-ksib ta’ licenzja taht ir-regolamenti dwar il-kummerc fi speci ta’ Fawna u Flora ghal zmien limitat jew perpetwa, skond l-Artikolu 9(6) ta’ l-Avviz Legali numru 19/1992 u taht ir-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg ghal perjodu ta’ mhux inqas minn sena;

Il-Qorti qed tigi mitluba wkoll illi tordna lil Joseph Bugeja ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Frar 2003 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2003 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-14 ta' Novembru 2002 ghall-habta tal-11.30pm il-Pulizija fl-Ghassa tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta giet infurmata minn membru tal-AFM il-Maggur Ian Ruggier li kien ghadu kemm twaqqaf loader impjegat mal-Airmalta, certu Joseph Bugeja, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna fit-tunnel tal-imsemmi ajruport. Huwa kien gie mwaqqaf milli jhalli t-tunnel wara li kien gie osservat mill-monitors li hemm fil-control room tal-Forzi Armati waqt li qed jiehu xi bagalji li kienu waslu Malta fuq it-titjira KM 697 minn Tripoli. Il-Pulizija giet infurmata li dawn il-bagalji kellhom fihom numru konsiderevoli ta' ghasafar tal-ghana u fkieren. Meta l-Pulizija marret fuq il-post gew osservati seba' bagalji li kienu mpoggijin fuq trolley li kien aggancjat ma' tractor, liema tractor kien qed ihares fid-direzzjoni tal-conveyor belt numru wiehed tal-arrivals lounge Fil-vicinanzi ta' dan it-trolley kien hemm vann tal-marka Toyota ta' kulur abjad u bin-numru tar-registrazzjoni RRS 334, liema vann kien propjeta' tal-Airmalta. Fil-bagalji kien hemm kwantita' kbira ta' ghasafar u fkieren. Meta l-Pulizija kelmet lill-imputat huwa qal li kien gab dawn il-bagalji min-naha tad-departures tat-tunnel li jigi faccata tal-kamra tas-supervisor tieghu u kien infurmah li dawn il-bagalji kienu minghajr tag. Huwa qal lil Pulizija li l-intenzjoni tieghu

kienet li jpoggi dawn il-bagalji fuq il-conveyor belt tal-arrivals. Gie infurmat bil-kaz il-Magistrat Inkwirenti Joseph Cassar li hatar diversi esperti, fosthom lil Stanley Gatt li spezzjona il-kontenut tal-bagalji (rapport relattiv inserit a fol. 29 sa 54 tal-process) fejn dan wara li elenka b'mod dettaljat l-ispeci u l-kwantitajiet tal-ghasafar u fkieren li kienu jinstabu fl-imsemmija seba' bagalji, spjega li dawn l-ghasafar u fkieren huma protetti skond kif stabbilit fl-Avvizi Legali 144 u 146 tal-1993 u qal li dawn l-ghasafar u fkieren ma jaqghux taht id-definizzjoni ta' ghasfur immobbli fil-maqful kif stabbilit fl-Avviz Legali 23/1997 u spjega li il-pussess, esibizzjoni, importazzjoni u esportazzjoni, garr jew bejgh ta' dawn l-ispeci ta' ghasafar huwa kkontrollat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 12(1), (2) u (3) tal-Avviz Legali 146/93. Huwa kkonkluda wkoll illi l-ezemplari kollha ta' din l-ispeci jaqghu taht id-definizzjoni ta' "Ezemplari" hekk kif definit b' artikolu 2 ta' l-istess Avviz legali.
Li ghaldaqstant l-importazzjoni, esportazzjoni u ri-esportazzjoni ta' dawn l-ezemplari ghanda issir skond ma tkun titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagg hekk kif stabbilit b' Artikolu 6 (1) ta' l-Avviz Legali 19/92, u cioe' skond l-Ewwel Skeda ta' l-istess Avviz Legali.

Li il-pajjiz ta' l-origini ta' l-ezemplari, jigifieri il-Libja ma accediex ghall-Konvenzjoni.

Li ghaldaqstant l-importazzjoni ta' dan l-ispeci huwa restritt skond 'ARTICLE IV' paragrafi 1 u 4 u skond 'ARTICLE X' ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Avviz Legali 19/92 u li ghaldaqstant l-importazzjoni ta' dawn l-ezemplari tirrikjedi il-prezentazzjoni ta' permessi, certifikati u licenzji hekk kif stabbilit ukoll b' artikolu 8 ta' l-istess Avviz Legali.

Stanley Gatt kien spezzjona l-bagalji in kwistjoni u stabbilixxa li fihom kien hemm diversi ghasafar ta' l-ghana, fkieren, pappagalli, xadini u anke criev. In fatti f' bagalja minnhom li kienet ta' kulur ahdar li kellha fuqha miktub 2002 Adidas kellha mal-mija u hamsa u sittin Egyptian tortoise, fkieren tal-Egittu u erba spare tie tortoise. F'bagalja ohra li kienet ta' kulur blu li kellha ukoll

il-kliem fuqha Adidas 2000 kien fiha hamsa u sittin Egyptian Tortoise, erba' primates monkeys f' gagga. F' basket bagalja ohra li kien ta' kulur ahdar li kellha miktub 2002 Adidas kien fiha mal-mija u tlieta u sebghin Egyptian tortoise u tnejn spare tie tortoise. F' Bagalja ohra li kienet ta' kulur beige, f' din instab li kien hemm mitejn Egyptian Tortoise fiha u wiehed spare tie tortoise li kienet fi xkora ta' kulur abjad. Go bagalja ohra li kienet ta' kulur ahdar li kellha l-kliem ukoll fuqha 2002 Adidas, kien hemm mas-77 Egyptian Tortoise, hamsa African grey parrots li kienu go zewg kaxxi tal-plastic, illi dawn il-hames African grey parrots kienu maqsumin f' zewg kaxxi, wahda kien fiha pappagal wiehed u l-ohra kien fiha erbgha. Kien hemm bagalja ohra illi kienet ta' kulur beige illi din kellha zewg nets ta' kulur ahdar fuq iz-zewg nahat taghha illi dawn kien fihom tlett gaggeg kbar li kienu mimlijin ghasafar ta' l-ghana, illi f' wahda minn din il-gagga kien fiha disgha u sebghin green finches. Fit-tieni gaga kien fiha tnejn u tmenin green finches u l-ohra li maghha kien hemm ukoll gold finch u fit-tielet gagga kien hemm tlieta u disghin linnets. Fl-ahhar gagga li kienet ta' kulur beige li wkoll kienet b' zewg nets ta' kulur ahdar fuq iz-zewg nahat kien hemm tlett gaggeg ohra li dawn kienu mimlijin ghasafar ta' l-ghana, li l-ewwel wahda din il-gagga kien fiha mas-sebgha u sittin linnets. It-tieni gagga kien fiha tmienja u sebghin linnets u tnax il-green finches u t-tielet gagga kien fiha kien fiha erbgha u erbghin linnets, tnax green finches u wiehed u erbghin siskins.

Dan l-espert mahtur mill-Qorti kien ha l-annimali kollha li nstabu fil-bagalji in kwarantina u mil-atti jirrizulta li dawn l-annimali kollha mietu in kwarantina u gew sussegwentement distrutti skond digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2005.

Il-Maggur Ian Ruggier li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza  tat-12 ta' Mejju 2005 qal li fid-data in kwistjoni huwa kien mar l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex jaghmel spot checks in kwantu jirrigwarda t-titjira KM 697 li kienet ser tasal minn Tripoli u waqt li kien fil-control room tal-AFM gewwa l-ajruport flimkien mal-Manager tal-Airport Security Mario Bugeja, mal-Assistant Manager

Airport Security Victor Cassar, mal-Bumbardier Eugenio Lombardi u l-Gunner Alex Bugeja u huma kienu qed iharsu fuq il-monitors osservaw lil loaders ihottu il-bagalji mill-hold tal-ajruplan ghal fuq trolleys, it-trolleys imbaghad ittiehdu gewwa t-tunnel u l-bagalji bdew jitpoggew fuq il-conveyor belt. Il-Maggur Ruggier qal li huwa osserva lill-imputat ipoggi bagalja fuq trolley minflok fuq il-conveyor belt u qal li ra membru tal-Customs Drug Squad li wkoll kien hdejn il-conveyor belt jigbed l-attenzjoni tal-imputat dwar din il-bagalja u jghidlu sabiex jitfa' l-bagalja fuq il-conveyor belt. Il-Maggur Ruggier qal li osserva wkoll li meta l-membru tal-Customs Drug Squad telaq minn fuq il-post l-imputat rega' qabad tlett bagalji li kien pogga fuq il-conveyor belt u rega' qieghdom fuq it-trolley u osserva lill-imputat isuq it-tractor li mieghu kien hemm aggancjat it-trolley sa hdejn il-kamra tas-supervisor. L-imputat imbaghad qabad tlett bagalji minn fuq it-trolley u tefaghhom gewwa vann abjad bin-numru tar-registrazzjoni RRS 334 li kien parkeggjat faccata tal-kamra tas-supervisor. Il-Maggur Ruggier spjega li l-kwalita' tar-recording tal-cameras kien hazin u ghal din ir-raguni it-tape relattiv ma setghax jigi prezentat lil Pulizija.

Dawn il-fatti gew korroborati permezz tax-xhieda tal-Gunner Alex Bugeja li xehed fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004, kif ukoll mill-Bombardier Eugenio Lombardi (xhieda relattiva inserita a fol. 206 u 207 tal-process), minn Mario Bugeja (xhieda inserita a fol. 218 sa 220) u minn Victor Cassar (xhieda inserita a fol. 224 u 225).

Fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004 xehed il-Customs Officer Francis Micallef li kkonferma li fuq il-flight in kwistjoni, u cioe' KM697 li gie minn Tripoli, ma kienx hemm dikjarat ebda cargo, l-anqas 'cargo accompanied'.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 73 sa 77 tal-process fejn huwa qal li gimghatejn qabel id-data li fiha kin qed jirrilaxxja l-istqarrija kien qieghed il-Marsa Race Course fejn iltaqa ma certu wiehed jismu Mohammed u ftehmu li dan tal-ahhar kellu jibghatlu minn Tripoli hames bagalji mimlijin ghasafar. Dan Mohammed qallu li l-bagalji kienu ser jintgharfu ghaliex kien ser ikollhom fuqhom il-

kelma ‘Addidas 2000’ u xi bicca bajda mwahhla maghhom. L-imputat qal ukoll li t-Tlieta ta’ qabel l-14 ta Novembru 2002 ghal habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl kien ircieva telefonata id-dar tieghu minghand dan Mohammed fejn infurmah li kien ser jibghatlu bejn hames u seba’ bagalji bl-ghasafar u qallu sabiex imur b’dawn il-bagalji hdejn il-fence f’park numru 4 fejn kien ser isib bniedem jistennih gewwa Transit abjad u huwa kellu jghaddilu dawn il-bagalji. L-imputat qal li fl-14 ta’ Novembru 2002 meta ra li kien wasal il-flight minn Tripoli kien daqxejn bezghan li ma kienx ser jithallas wara li jikkonsenja il-bagalji lil persuna li tkun hdejn il-fence kif miftiehem. Huwa qal ukoll li kien beda jhott il-bagalji minn fuq it-trolley ghal fuq il-conveyor belt meta gharaf wahda mill-bagalji skond id-deskrizzjoni li kien tah Mohammed u ghalhekk huwa qabad din il-bagalja u poggiha fuq trolley vojt izda imbaghad membru tad-Drug Squad tad-Dwana gibidlu l-attenzjoni dwarha u huwa ghalhekk rega’ tefa’ l-bagalja fuq il-conveyor belt. L-imputat qal li ftit wara rega’ gabar il-bagalja minn fuq il-conveyor belt u poggiha fuq it-trolley mal-bagalji l-ohra li kien gharaf u li wkoll kien tefaghhom fuq it-trolley. Meta l-imputat gie mistoqsi x’kienet ir-raguni li ma kienx gabar zewg bagalji ohra li gew ukoll konfiskati mill-Pulizija u li fihom instabu xi ghasafar u criev huwa rrisponda li dawn iz-zewg bagalji l-ohra ma kienux tieghu.  L-imputat qal li huwa kien garr it-trolley bis-seba’ bagalji gewwa fih permezz ta’ tractor ghal quddiem l-ufficcju tas-supervisor tieghu fejn kien hemm vann Toyota ta’ kulur abjad ipparkjat u kellu l-intenzjoni li jpoggi s-seba’ bagalji gewwa l-vann u jsuq dan il-vann lejn il-fence f’park numru 4 sabiex jghaddi bil-bagalji in kwistjoni lil persuna li kienet qed tistennih hemmhekk. L-imputat qal li malli beda’ jpoggi l-bagalji fil-vann u kien wasal fit-tielet bagalja induna li dawn kien fihom il-pappagalli u huwa rega’ beda jitfa l-bagalji fuq it-trolley. Huwa qal li dak il-hin hareg is-Supervisor tieghu Joseph Parnis minn gewwa l-kamra tieghu u qallu li kien hemm camera installata fit-tunnel li kienet qed tipponta fid-direzzjoni tieghu. Huwa qal li intefa’ fit-tractor u kien ser jerga’ idawwru fid-direzzjoni tal-conveyor belt numru wiehed meta gie mwaqqaf mis-suldati.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 279 sa 284 tal-process fejn cahad li kien qal dak kollu indikat fl-istqarrija u qal li huwa ma jafx jaqra u spjega li ghalkemm huwa kien iffirma l-istqarrija wara li din inqratlu ma kienx inqralu il-kliem li wara rrizultalu li kien hemm fl-istqarrija. L-imputat qal li meta l-istqarrija inqratlu mit-tifla tieghu u nduna x'kien fiha huwa kien mar ikellem l-Ispettur Jason Agius sabiex jikkontesta dan il-fatt. L-imputat qal li fil-lejl in kwistjoni huwa kien qed jaghmel xi xoghol ta' loading ta' bagalji ghal flight li kien sejjer il-Cairo meta dahal il-flight minn Tripoli u huwa ghalhekk mar fl-arrivals sabiex ihott il-bagalji minn fuq it-trolleys ghal fuq il-conveyor belt sabiex dawn imbagahd ikunu jistghu jingabru mill-passiggiera. Huwa qal li pogga il-bagalji kollha fuq il-conveyor belt u mar sabiex ikompli ix-xoghol tal-flight ta' Cairo. Waqt li kien qed jaghmel dan ix-xoghol ghaddew xi tractors minn warajh u hu mar jivverifika jekk kienx hemm xi bagalji in transit fuq il-flight u sab zewg bagalji mal-art, hamsa fuq trolley u zewg bagalji f'vann. Fil-frattemp hareg l-imghallem tieghu Joseph Parnis li staqsieh fuq dawk il-bagalji u l-imputat jghid li qallu Ii dawn kienu gew bla tag u Parnis ghalhekk qallu sabiex jiehu dawn il-bagalji fl-arrivals u huwa qabad dawn is-seba' jew tmien bagalji minn mal-art, tefaghhom fuq it-trolley u kien sejjer bihom l-arrivals meta gie mwaqqaf mis-suldat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat kien involut fl-importazzjoni tal-ghasafar u fkieren protetti li nstabu fis-seba' bagalji li kienu fil-pussess tieghu meta huwa gie mwaqqaf mill-Kaptan Neville Galea. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat meta huwa rilaxxja l-istqarrija hija dik li tirrifletti l-verita' anki ghaliex din il-verzjoni tal-fatti hija pjenament korroborata mix-xhieda tal-Maggur Ian Ruggier, mix-xhieda tal-Gunner Alex Bugeja kif ukoll mix-xhieda tal-Bombardier Eugenio Lombardi u minn Mario Bugeja, Victor Cassar u mill-ufficjal tad-Dwana Saviour Balzan. Ic-cirkostanzi indikati

mill-imputat sabiex jipprova jiskredita dak kollu kontenut fl-istqarrija huma ghal kollox inverosimili u ma jistghux jitwemmnu u l-Qorti jidrilha li anki ix-xhieda ta' bint l-imputat Mariella Micallef (inserita a fol. 287 sa 289 tal-process) f'dan ir-rigward ma tistghax titwemmen anki ghaliex hija qalet li l-imputat ircieva l-istqarrija bil-posta filwaqt li l-imputat indika li huwa kien mar bl-istqarrija id-dar wara li gie rilaxxjat mill-arrest.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri inghataw sbatax-il akkuza fil-konfronti tal-imputat. L-ewwel tlettax(13)-il akkuza, salv ghar-raba' (4) akkuza li ma tirrizultax pruvata ghar-ragunijiet li ser jigu indikati aktar 'l isfel, jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati taghhom. In kwantu jirrigwarda ir-raba' (4), l-erbatax (14) u l-hmistax (15) il-akkuza l-Qorti jidrilha li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li effettivament pogga l-annimali in kwistjoni fil-gaggeg u fil-bagalji li kienu fihom u ghalhekk huwa qed jigi liberat minn dawn l-akkuzi. In kwantu jirrigwarda is-sittax (16)-il akkuza, u cioe' dik li permezz taghha l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fl-Artikolu 49A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti jidrilha li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tmien (8), id-disa' (9) u t-tlettax (13)-il akkuza u stante li l-imputat instab hati ta' dawn l-ahhar akkuzi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sittax (16) il-akkuza migjuba fil-konfrornti  tieghu.

Illi permezz tas-sbatax (17)- il akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bir-reat ta' korruzzjoni ta' persuni ohra kontemplat fl-Artikolu 121(3) tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien impjegat bhala loader, cleaner mas-socjeta' kummercjali Airmalta. Bl-ebda mod ma gie pruvat li l-imputat kien ufficjal jew impjegat pubbliku izda l-Qorti jidrilha li tista tinstab htija taht dak li jiddisponi l-Artikolu 121(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghid is-segwenti:-

*“Id-disposizzjonijiet ta’ dan is-sub-titolu dwar xi ufficjal jew persuna msemmija fl-artikolu 112 jew xi ufficjal jew impjegat pubbliku msemmija fl-artikolu 115 ghandhom ikunu wkoll japplikaw ghal u dwar kull impjegat jew persuna ohra meta dawn ikunu qed imexxu jew jahdmu f’xi kapacità ghal jew f’isem xi persuna naturali jew guridika li tkun qed tahdem fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet kummercjali taghha, sew b’mod dirett sew permezz ta’ xi intermedjarju u bi ksur ta’ dmirijiet taghha, ggib ruhha b’xi mod minn dawk li hemm provdut dwarhom f’dawk l-artikoli:*

*Izda ghall-finijiet ta’ dan is-subartikolu l-frazi "ksur ta’ dmirijiet" tinkludi kull imgieba mhux leali li tikkostitwixxi ksur ta’ xi dmir statutorju, jew, skond il-kaz, ksur tar-regolamenti jew struzzjonijiet professjonali, li jkunu japplikaw fi hdan il-kummerc inkwistjoni.”*

Mill-istess stqarrija tal-imputat jirrizulta li huwa kien accetta l-offerta li jithallas talli jghin fl-importazzjoni tal-ghasafar li kellhom ikunu fil-bagalji gejjin minn Tripoli u ghalhekk tista’ tinstab htjia taht dak li jiddisponi l-hawn fuq citat Artikolu 121 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u ghalhekk ser tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. In kwantu jirrigwarda l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat inoltre l-Qorti jidrilha li japplika dak kontemplat fil-proviso (c) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid hekk:-

*“Il-pieni imposti b’dan l-Artikolu m’ghandhomx japplikaw fil-kaz ta’ reat li jkollu x’jaqsam ma importazzjoni ta’ oggetti kontrarjament ghal projibizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressament ghal dak ir-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi ir-restrizzjoni jew projibizzjoni”.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza moghtija fl-4 ta’ Mejju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Francis Camilleri et’ qalet is-segwenti dwar dan il-proviso:-

*“L-imsemmi proviso huwa car u ma jhalli ebda dubju li f’dan il-kaz il-pieni kontemplati fl-Artikolu 62 tal-Kap. 37 m’humiex applikabbli gladarba l-Avviz Legali 146/1993 u l-Avviz Legali 19/1992 jipprovdu espressament ghall-projibizzjoni tal-importazzjoni tat-tjur ossia glud in kwistjoni u l-pieni relattivi dwarhom”.*

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza tal-20 ta’ Settembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Paul Vassallo’ b’referenza ghal proviso li saret referenza ghalih fil-paragrafu precedenti fejn l-imsemmija Qorti qalet dan li gej:-

*“Minn dan johrog car pero' li l-**pieni** kontemplati fil-Kap. 37 (u ergo wkoll dawk kontemplati fl-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) **biss** mhumiex applikabbli fejn tinstab htija ta' reati ohra li jinvolvu l-projbizzjoni ta' importazzjoni jew restrizzjoni tal-istess importazzjoni w jkun hemm pieni espressi ghal dawk ir-reati b' ligi jew xi att iehor, imma r-rejita' tibqa' tissussisti, kif del resto tissussisti f' kaz ta' konkors ideali jew formali ta' reati fejn tigi applikata piena wahda, jew fil-kazijiet  fejn japplika l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 .”*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 115(b) u 121(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k) u l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998), ir-regolamenti 12(2), (3) u 25 tal-Avviz Legali 146/1993 u r-regolamenti 2, 3, 6(1), (2), 9(1), 7(3) u 8 tal-Avviz Legali 19/1992 kif ukoll it-Tieni u t-Tielet Skeda tal-imsemmi Avviz Legali 19/1992, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7), it-tmien (8), id-disa (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) u s-sbatax (17)-il akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta sentejn millum u multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500).

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' (4), l-erbatax (14) u l-hmistax(15)-il akkuza miguba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u stante li s-sittax (16)-il akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tmien (8), id-disa' (9) u t-tlettax (13)-il akkuza, l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija sittax(16)-il akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna lill-imputat sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' elf u tnejn u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,052.95) liema ammont jikkonsisti fl-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------